# ĦAL LUQA

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**It-TMIEN' KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 20 – IT-TNEJN 22 TA' FRAR 2021**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi 174, Triq il-Ġdida, Luqa it-Tnejn 22 ta' Frar 2021 fis-17:30pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Kearon Bruno | Viċi Sindku |
| | Frederick Aquilina | Kunsillier |
| | Victor Caruana | Kunsillier |
| | Eric Camilleri | Kunsillier |
| | Lucia Massa | Kunsilliera |
| | Maria Magri | Kunsilliera |
| Skużat | John Schembri | Sindku |
| Uffiċċjali Preżenti | Michael Portelli | Segretarju Eżekuttiv |
| Persuni oħra | Joseph Piscopo | Accountant |

## 1. QARI TAL-ITTRI TAL-APOLOĠIJI

1.1 Is-Segretarji semma li l-laqgħa tal-lum kien se jippresjedi il-Viċi Sindku, peress li s-Sindku kien indispost fuq każ ta' saħħa u kien hemm bżonn li din issir peress li ried ikun hemm approvazzjoni tal-financial statements. Il-Viċi Sindku ippropona biex ngħaddu għall item tal-Approvazzjoni tal-Financial Statements bħala l-item li jmiss fuq l-Aġenda anki peress li kien hawn l-Accountant preenti apposta biex jispjega dawn.

## 2 KONSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

2.1 Il-minuti ġew approvati mill-Kunsilliera Massa u ssekondati mill-Kunsillier Caruana.

## 3 APPROVAZZJONI TAL-FINANCIAL STATEMENTS

3.1 Is-Segretarju semma li llum fostna kien hawn is-Sur. Joseph Piscopo li huwa l-Accountant tal-Kunsill li se jkun qed jispjega l-Financial Statements tal-Kunsill. Is-Sur. Piscopo beda l-ispjega billi semma li dan il-buzzett tal-istatements huma qabel l-audit li jsir aktar il-quddiem matul is-sena. Huwa qal li wara dan l-eżerċizzju jkun hemm xi aġġustamenti li fuqhom joħroġ is-sett finali.

3.2 Is-Sur. Piscopo semma biex mill-ewwel mmorru għall istatement li jagħti rendikont tad-dħul u l-infieq. Huwa semma li s-sena l-oħra spiċċajna s-sena b' surplus ta' madwar Euro 72,000. Huwa semma li dan is-surplus irriżulta wkoll għall fatt li kien hemm diversi fondi tal-Unjoni Ewropeja li l-Kunsill Lokali kien ħa minn xi proġetti li jaffettwa dan l-aspett. Huwa semma wkoll li kien hemm profitt li kien jirriżulta minn Fund li l-Kunsill Lokali għandu mal-BOV li kellha riżultat tajjeb is-sena l-oħra.

3.3 Is-Sur. Piscopo irrimarka li matul is-sena l-oħra kien hemm żieda fl-ispejjeż bħala pagi però fl-istess ħin l-ispejjeż tal-operat naqas. Is-Segretarju semma li din setgħet irriżultat peress li kien hemm il-COVID u xi xogħol ma' setax isir.

3.4 Il-Kunsillier Aquilina semma li kien hemm il-Current Assets li kienu naqsu lill-Kunsill Lokali. Is-Sur. Piscopo semma li dan ġara minħabba l-grants li konna irċevejna fosthom dawk tal-fondi tal-EU. Huwa semma li l-mod kif ġew klassifikati l-grants u affarijiet oħra saru skont kif kienet iċ-Ċirkulari li ħarġet mid-DLG.

3.5 Is-Sur. Piscopo semma li mill-aspett tal-kontijiet Bankarji tas-Savings dawn kienu telgħu ukoll għall fatt li huwa fl-Accounting kien ħa konsiderazzjoni anki tal-kontijiet li għandu l-Kunsill Lokali mas-Central Bank għall miżuri tal-EU.

3.6 Is-Sur. Piscopo irrimarka li l-figura tal-Banks balances overdrawn hija rigward ċekkijiet li fl-aħħar tas-sena kienu għadhom ma' ssarfux. Fil-każ tal-figura tal-other payables huwa jkun qed jieħu konsiderazzjoni ta' invoices li suppost il-Kunsill Lokali ikun irċieva sal-aħħar tas-sena imma ma jkunux għadhom waslu, fosthom kuntratturi eżistenti li għandu kuntratt magħhom il-Kunsill.

3.7 Il-Viċi Sindku semma li tajjeb li nirrimarkaw li bħala Kunsill Lokali erġajna għalaqna b' surplus daqshekk tajjeb. Is-Sur. Piscopo semma li jekk wieħed ikollu jiġbor l-assi kollha tal-Kunsill Lokali dawn faċilment jammontaw għall madwar 1.5 miljun Euro.

3.8 Il-Financial Statements kienu approvati mill-Kunsillier Aquilina u ssekondati mill-Kunsillier Camilleri.

## 4. MOZZJONI BDIEL T' ISEM TAT-TRIQ AD UNUR TUSE MALLIA

4.1 IL-Viċi Sindku semma li kien hemm mozzjoni li kienet imressqa mill-Kunsillier Aquilina biex Triq Ħal Tarxien tinbidel isimha u tissemma għall Tuse Mallia li kien membru tal-MUSEUM. Huwa qara l-mozzjoni. Wara li għamel dan il-Viċi Sindku semma li ma rridux ninsew li mozzjoni bħal din toħloq problema peress li dawk ir-residenti li joqgħodu hemm ikollhom ibiddlu l-indirizzi tagħhom għall isem il-ġdid. Il-Viċi Sindku semma wkoll li ma rridux ninsew li din il-persuna diġà kienet onorata meta ingħatat 'Ġieħ Ħal Luqa'. Minħabba li ma kienx hawn is-Sindku preżenti huwa qal li tal-idea li din tkun diskussa f' laqgħa meta jkun hawn is-Sindku preżenti.

## 5. KOMUNIKAZZJONI MIL-VIĊI SINDKU

5.1 IL-Viċi Sindku semma li rċevejna email rigward seminar li kien ser isir fl-okkażżjoni tal-Jum Dinji tal-Mara. Dan kien ser isir online u appella biex minn huwa interessat jattendi għalih.

5.2 Il-Viċi Sindku semma li kienet waslet email rigward l-iskema t' għajnuna għall librerij fejn kien hemm opportunita biex jinxtraw affarijiet oħra apparti kotba. Il-Kunsillier Aquilina semma li huwa kien diġà tkellem mas-Sindku fuq is0sitwazzjoni tal-librerija fejn kien tal-fehma li ssir laqgħa mal-Prinċipal biex anki jinstabu mezzi kif din tista titkabbar.

5.3 Il-Viċi Sindku semma li konna irċevejna minn naħa tat-TCTC fuq korsijiet tal-ECDL li kienu ser ikunu organizzati fuq bażi individwali għall individwu. Is-Segretarju semma li rridu naraw kif dawn ser jaħdmu peress li f' korsijiet preċedenti ma kienx qed ikollna kontroll.

5.4 Il-Viċi Sindku semma li kien hemm email fuq l-okkażżjoni tal-Earth Hour biex naraw jekk nistgħux nippreparaw xi ħaġa għall din l-okkażżjoni.

5.5 Is-Segretarju semma li konna irċevejna ħlas ta' madwar Euro 8,000 li kienu jirrigwardaw il-proġett li kien sar fuq ir-restawr tan-niċeċ f' Ħal Luqa. Dawn kienu ġew minn naħa tal-LESA.

## 6. TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERA

6.1 Il-Kunsillier Caruana qal li fuq il-vann huwa kien se jġib xi kwotazzjonijiet. Huwa qal li x-xahar d-dieħel kien se jidħol xi xogħol ġdid lill-bejjiegħa tal-karozzi u jkun hemm għażla aħjar. Is-Segretarju qallu li jist jġib il-kwotazzjonijiet anki kif inhuma bħalissa, biex huwa jkun jista jagħmel ir-rikjesta għall direct order peress li ma kienx hemm offerenti għat tenders, fid-darbtejn li nħarġu.

6.2 Il-Kunsillier Caruana saqsa fuq it-tappiera ta' Triq Patri Damjan Taljana kif ma saritx. Is-Segretarju qal li huwa ser jerġa jfakkar lil WSC fuqha peress li huma kellhom jagħmluha kif suppost. Huwa semma wkoll li kien hemm sprall viċin il-Conveniece li kellu l-ħsara.

6.3 Il-Kunsillier Caruana semma li l-mod kif kien qed isir il-patching mill-ħaddiema ma kienx tajjeb u wara ftit dan jinqala. Huwa qal li hemm bnadi li jrid isir patching billi tinqala t-Triq u jsir mill-qiegħ minn kuntrattur apposta.

6.4 Il-Kunsillier Caruana qal li hemm bżonn isir mera fi Triq il-Karmnu, Sqaq nru 5, viċin l-OK Bar.

6.5 Il-Kunsillier Caruana semma li meta jsir ir-railing tat-taraġ tas-Sagristija irridu nieħdu ħsieb li dan ikollu l-parti tan-nofs tinqala biex meta jkunu se joħorġu xi statwi minn hawn ma' jsibux problema.

6.6 Il-Kunsillier Caruana semma li fi Triq Indri Micallef kellhom isiru l-water culverts peress li kien inqala x-xogħol tal-kanali tas-servizzi mill-Enemalta. Huwa qal li mid-dehra ma kienx hemm intenzjoni li dawn isiru. Is-Segretarju semma li s-Sindku kien tkellem mal-Ing. Azzopardi tal-Infrastructure Malta fuq din it-Triq u anki kien kitiblu.

6.7 Il-Viċi Sindku semma li hawnhekk kien aċċerna għall problema tat-traffiku li se jkun hawn anki f' laqgħa preċedenti. Huwa kien semma l-punt li kien talab biex issir laqgħa mal-Lidl forsi jagħtuna aċċess għall parking tagħhom biex juawh ir-residenti.

6.8 Il-Kunsillier Caruana semma li fi Triq il-Mitjar kien qed ikun hemm problema fuq il-parkeġġ bejn żewġ residenti. Huwa qal li wieħed mir-residenti kien ħa r-ritratti u tahomlu u huwa se jkun qed jgħaddihom lis-Segretarju.

6.9 Il-Kunsilliera Massa qalet li kien hawn residenti li kienet se tagħlaq mitt sena u ħasset li bħala Kunsill kellna nixtrulha card li jiffirmawha l-Kunsilliera u fjuri. Hija kienet kellmet lis-Sindku u kien tal-istess fehma.

6.10 Il-Kunsillier Aquilina saqsa fuq il-bus shelters li kellhom jiġu installati. Il-Viċi Sindkku semma li dawn kienu għadhom il-Qorti fuq il-kawża li kienet infetħet kontra Faces Display.

6.11 Il-Kunsillier Aquilina semma li fi Triq Dun Pawl hemm problema għall karozzi tat-trasport pubbliku li jgħaddu minn hawn peress li kif jiġu biex iduru jitilgħu fuq il-bankina u

jkissruha. Il-Kunsillier Camilleri semma li hawn tista ssir bollard fejn hemm tal-ħanut biex iservi bħala gwida għall karozzi li jkunu qed iduru.

6.12 Il-Kunsillier Aquilina semma li l-bankini ta' Triq id-9 t' April ma kinux skont ċerta standard. Is-segretarju semma li huwa kien diġà żamm parti mill-flus li kellu jitħallas il-kuntrattur peress li kien hemm dan id-difett.

6.13 Il-Kunsillier Aquilina semma li fi Triq Sebastiano Saliba huwa ma kienx jaqbel mal-mod ta' kif kien ġie propost li għandu jsir il-parkeġġ hawnhekk. Il-Viċi Sindku semma li dan l-item l-aħjar ikun diskuss f' okkażżjoni meta jkun hemm is-Sindku preżenti għall laqgħa peress li huwa kien li ħareġ bl-idea.

6.14 Il-Kunsilliera Magri semmiet li minn naħa tar-Reġjun kienu ser jinstabu xi uffiċċjali u professjonisti li jistgħu jagħtu servizz ukoll lill-Kunsilli Lokali jekk jkun jeħtieġ u jkunu iffinanzjati għas servizz tagħhom minn naħa tar-Reġjun. Hija semmiet wkoll li se jkun hemm ukoll xi fondi għad dispożizzjoni tal-librerija li mhux bilfors jintużaw biex jinxtraw kotba.

## 7. RESTAWR TAL-ISTATWA TAL-KUNĊIZZJONI

7.1 Il-Viċi Sindku semma li dan il-proġett kien kważi wasal fi tmiemu u issa kien qed isir xogħol fuq ir-railing li kellha l-istatwa. Huwa semma li dan kien mexa skont il-pjanijiet li kienu saru bħala żmien.

7.2 Il-Kunsillier Caruana semma li huwa ma kienx jaqbel mal-kuluri li kienu intużaw biex inżebgħet l-istatwa. Huwa semma li kien hemm persuna li semmiet li din l-istatwa kienet miżbugħa kollha bajda fil-passat u ma reġgħetx saret hekk. Is-Segretarju semma li kien se jkellem lill-Perit fuq dil-ħaġa peress li huwa seta jagħti parir professjonali.

## 8. PROĠETT MIŻURA GREEN INFRASTRUCTURE

8.1 Il-Viċi Sindku semma li bħala commitment li kellu l-Kunsill Lokali fuq dil-miżura kellu jsir leaflet edukattiv għat tfal u anki sessjoni t' informazzjoni fuq il-post. Huwa semma li minħabba ċ-ċirkostanza tal-COVID din ma tistax issir għalissa. Huwa qal li bħala leaflet dan ser isir u kif ikun hemm opportunita tajba anki ssir s-sessjoni.

## 9. XOGĦOLIJIET TAL-LATRINA

9.1 Il-Viċi Sindku semma li l-ġimgħa d-dieħla kienet ser issir laqgħa flimkien maż-żewġ kuntratturi u l-Perit fuq il-post biex isir koordinament kif ser jitkompla x-xogħol hawnhekk.

## 10. POST MORTEM ATTIVITA RELATATTA MAL-KARNIVAL

10.1 Il-Viċi Sindku semma li kienet organizzata din l-attivita bħala online session kif tibni karru tal-Karnival.

10.2 Il-Kunsillier Aquilina semma li l-Kumpanija tal-Karnival li kienet għamlet din is-sessjoni kienet għamlet arma ta' Ħal Luqa u tatha lill-Kunsill Lokali. Huwa qal li kien hemm kompetitur wieħed.

10.3 Il-Viċi Sindku semma li minħabba ċ-ċirkostanzi tal-COVID din telfet mill-parteċipazzjoni tar-residenti.

## 11. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TAL-PAGAMENTI

11.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet dwar pagamenti.

## 12. TMIEM TAL-LAQGĦA

12.1 Il-laqgħa ġiet fi tmiemha it-Tnejn 22 ta' Frar 2021 fis-18.50. Ma kienx hemm ġurnata proposta għall laqgħa li jmiss.

**John Schembri**

**SINDKU**

**Michael Portelli, BA (Hons), MA CHM, MBA**

**SEGRETARJU EŻEKUTTIV**